Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 1620/2010AE

**Joseph Said esercitanti l-kummerc taht l-isem "Buss Auto Dealer" ID No. 2576554(M)**

**vs**

**L.A.Enterprises Co. Ltd. (C-13610)**

L-Erbgha, 24 ta' Frar 2016.

Permezz ta' Avviz prezentat fl-1 ta' Novembru 2010 l-attur talab lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' elfejn, tmien mija u hmistax il-Ewro (Eur2,815.00) bhala valur ta' danni mgarrba minnu bhala rizultat tal-ezekuzzjoni hazina da parti tal-konvenuta tax-xoghol ta' *glazed curtain walling* f'*showroom* li huwa ghandu fi Triq Antonio Muscat Fenech, Qormi.

Fir-risposta taghha[1] s-socjeta' konvenuta rresppingiet il-pretensjonijiet attrici permezz tas-segwenti eccezzjonijiet: (i) l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili[2]; (ii) fil-mertu t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt; (iii) ix-xoghol maghmul mis-socjeta' konvenuta sar skont l-arti u s-sengha, tal-kwalita' pattwita u ezegwit sew; (iv) fi kwalunkwe kaz hija ma tirrispondix ghal danni allegatament imgarrba; (v) bla pregudizzju l-attur ghandu jgib prova tad-danni realment subiti minnu.

B'decizjoni datata 7 ta' Dicembru 2012[3] it-Tribunal cahad l-eccezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni wara li ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

i. M'hemmx kontestazzjoni li l-hsara fil-hgieg tax-showroom grat fil-bidu ta' Marzu 2009;
ii. M'hemmx kontestazzjoni li l-frames tal-aluminium u l-hgieg fl-ewwel sular tas-showroom gew installati mis-socjeta' konvenuta bejn l-2005 u l-2007;
iii. M'uwhiex daqstant car meta twahhal il-hgieg fil-pjan terran ghalkemm mill-provi mressqa hija ferm probabbli li dan twahhal inqas minn hmistax -

[1] Fol 5 et seq
[2] Fil-verbal tas-seduta tas-16 t'April 2012 is-socjeta' konvenuta ddikjarat li din l-eccezzjoni kienet qeghda titressaq a bazi tal-paragrafu (f) tal-artikolu 2156 tal-Kap 16 – fol 44
[3] Fol 52 et seq

il sena ilu;

iv. M'uwhiex lanqas car mill-provi mressqa mill-partiijiet dwar liema fazi tax-xoghol qieghed jilmenta l-attur, u cioe' jekk hux l-ewwel jew it-tieni fazi tax-xoghol imwettaq mis-socjeta' konvenuta;

v. It-terminu preskrittiv ta' hames snin jibda jiddekorri mid-data tal-ezekuzzjoni u l-installazzjoni tax-xoghol;

vi. Tenut kont in-natura odjuza tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u tal-interpretazzjoni restrittiva taghha, kull dubju ghandu jimmilita a favur il-kontro-parti;

vii. La ma giex pruvat sodisfacentement jekk il-hsara rrizultatx fix-xoghol esegwit fl-ewwel fazi jew fit-tieni fazi, it-Tribunal ma kienx f'pozizzjoni li jasal ghal konkluzjoni dwar liema data ta' ezekuzzjoni tax-xoghol hija applikabbli;

viii. Fi kwalunkwe kaz is-socjeta' konvenuta wettqet xi xoghlijiet ta' riparazzjoni – anke jekk mhux kompluti – fis-showroom in kwistjoni meta din garrbet il-hsarat f'Marzu 2009 u ghalhekk din hija meqjusa bhala rinunzja tal-preskrizzjoni.

B'sentenza tas-16 ta' Mejju 2014 it-Tribunal iddecieda ll-vertenza billi cahad il-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta u laqa' t-talbiet attrici *in toto* u ordna lill-istess socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' elfejn, tmien mija u hmistax il-Ewro (Eur2,815.00). L-ispejjez, inkluz dawk tas-sentenza preliminari, a karigu tas-socjeta' konvenuta. Dan wara li kkunisdra li:-

i. Id-difiza tas-socjeta' konvenuta illi dakinhar tal-akkadut il-Gzejjer Maltin inhakmu minn maltemp qawwi u li l-hsara li rrizultat fl-istruttura tal-aluminium installata mis-socjeta' konvenuta kienet rizultat ta' *force majeure* ma gietx pruvata;

ii. Mix-xhieda tal-Perit imqabbad mill-attur irrizulta li l-mod kif giet iddizinjata u kif twahhlet l-istruttura ma kinitx adattata tant li meta sehhet maltempata l-istruttura tqacctet minn postha u xi panels tal-hgieg inkisru;

iii. B'konsegwenza tal-fatt li l-istruttura ma gietx installata b'mod adgwat, l-attur kellu jinkariga terzi sabiex jaghmlu x-xoghol rimedjali mehtieg.

Is-socjeta' konvenuta appellat miz-zewg sentenzi. L-attur appellat ma wegibx bil-miktub izda waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 2015[4] deheru l-partijiet assistiti mid-difensuri li ttrattaw.

Il-Qorti rat l-atti.

[4] Fol 15.

**L-ewwel aggravju.**

Is-socjeta' konvenuta appellat mis-sentenza tas-7 ta' Dicembru 2012. Tilmenta li ghar-rigward tat-talba tal-attur li jirrigwarda xoghol li sar fil-pjan terran, l-azzjoni tar-rikorrent ghad-danni kellha titqies preskritta a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.

Qabel ma tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar dan l-aggravju, l-Qorti tissottolineja s-segwenti principji legali li huma rilevanti ghall-vertenza:-

i. Il-konvenut irid jipprova li lill-attur ghaddhielu z-zmien utli biex iressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq[5];

ii. L-artikolu 2137 tal-Kodici jipprovdi, bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*.* Fil-kawza **Mizzi Estates Limited vs Frank Borda et***,* deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014, intqal*:*-

*"Hu risaput illi d-dies a quo tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta ssir il-hsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-hsara. Fil-kawza Xuereb v Agius, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: "il-preskrizzjoni tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih". It-test huwa wiehed oggettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-hsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza Mohnani v. Stivala,deciza fil-11 ta' Gunju, 2010, qalet: "…….. jibda biex jigi registrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodici Civili, "bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Superjuri illi "t-test li trid il-ligi allura kien dak oggettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom jorigina d-dritt tal-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna tal-attur u cioe` jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li tagixxi, tkun xi tkun ir-raguni" ("Raphel Micallef-vs-Anthony Agius", 6 ta' Ottubru,2000). Evidentement, imbaghad, "iz-zmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Jannar 1953")".*

---

[5] **Victor Portelli vs Mark Psaila** (Cit Nru 1967/2000) deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003; ara wkoll **Stencil Pave (Malta) Limited Vs Kunsill Lokali Naxxar** (Cit Nru 1656/2001JRM) deciz 30 t'Ottubru 2003.

iii. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li r-rikorrent huwa mehlus milli jressaq provi konvincenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tieghu[6];

iv. Il-Qorti dejjem u f'kull każ ghandha l-obbligu li trid tistharreg u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tichad l-eccezzjoni[7].

v. L-interruzjoni tal-preskrizzjoni tkun tirrizulta jekk issir il-prova li bl-imgieba tieghu, id-debitur iqieghed lilu nnifsu go sitwazzjoni li tirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni[8].

Mill-atti jirrizulta li:

i. F'affidavit datat 7 ta' Marzu 2011[9], Leonard Attard, direttur tas-socjeta' konvenuta qal li madwar hmistax-il sena qabel (ergo circa fl-1996) kienu gew inkarigati minn kumpanija ohra biex jaghlqu bil-hgieg it-terran tax-*showroom* tal-attur fil-pjan terran (elevated ground floor). Dan ix-xoghol tlesta fi zmien 3 xhur.
ii. Il-permess ghall-izvilupp tas-showroom hareg mill-MEPA fit-13 ta' Lulju 1998[10];
iii. In kontro-ezami l-istess xhud ammetta li fir-rigward tax-xoghol li sar fil-pjan terran, ma kellhomx *records* ghaliex kellhom problema fis-sistema tal-kompjuter u ntilfitilhom id-data kollha[11];
iv. Cirka fis-sena 2006, l-attur inkariga direttament lis-socjeta' konvenuta biex tinstalla hgieg fl-ewwel u t-tieni sular tal-istess showroom. Dan ix-xoghol tlesta fi zmien sena. Dawn il-fatti gie konfermat minn impjegati ohra tas-socjeta' konvenuta[12];

---

[6] **Ronald Naudi noe vs Unispeed Shipping and Forwarding Limited** (Cit Nru 2264/2000JRM) deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 2003.
[7] **John Bugeja vs Joseph Gauci** (Cit Nru 1603/2001JRM) deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru 2002; ara wkoll **Quintano vs Calleja et** deciza fil-5 t'April 1993.
**[8] Andrew Agius et vs Direttur Dipartiment tat-Toroq** deciza 30 ta' Novembru 2015 (Rik Nru 889/09).
[9] Fol 11 et seq.
[10] Rapport Perit Buhagiar a fol 37.
[11] Fol 17.
[12] Affidavits ta' Colin Attard a fol 12, Simon Bugeja a fol 13.

v. Il-hsara fil-*frame* tal-hgieg tal-faccata tax-showroom grat f'Marzu 2009[13];

vi. Dakinhar stess filghaxija, d-direttur tas-socjeta' konvenuta kien mar fuq il-post biex jara l-hsarat u l-ghada filghodu baghat xi haddiema biex jaghmlu xoghol temporanju[14];

vii. L-azzjoni mill-attur giet intavolata fl-1 ta' Novembru 2010.

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li x-xoghol mis-socjeta' appellanti fil-pjan terran kien sar qabel dak fl-ewwel u t-tieni sular. Kemm qabel ma rrizultax b'certezza. Probabilment ma setax kien fl-1996 kif qalet is-socjeta' konvenuta, tenut kont li l-permess tal-izvilupp ghax-showroom kien hareg fl-1998. Zgur ghalhekk li ghadda xi zmien qabel ma twahhal ix-xoghol fil-pjan terran. Ma ngiebet ebda prova sodisfacenti ghalhekk dwar meta ezatt twahhal ix-xoghol fil-pjan terran. F'kull kaz, fir-rikors tal-appell is-socjeta appellanti argumentat li x-xoghol fil-pjan terran sar fuq inkarigu tal-kumpannija Paul Tonna Son of Santu Limited. Jekk hu hekk, l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili ma japplikax fil-konfront tal-attur in kwantu dak il-provvediment japplika fil-kaz ta' danni kuntrattwali, fis-sens li biex japplika jrid ikun hemm relazzjoni kuntrattwali bejn l-attur u l-konvenut. A bazi tal-esposizzjoni tal-fatti kif rakkonta mill-appellanti, fir-rigward tax-xoghol li sar fil-pjan terran[15] din ir-relazzjoni ma kinitx tezisti mal-attur. Ghalhekk ma jistax japplika l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. 'Il fatt li l-inkarigu nghata minn haddiehor, xorta hi konfigurabbli responsabbilta' extra-kuntrattwali li ghal finijiet ta' preskrizzjoni m'hijiex koperta mill-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Il-kondotta negligenti ta' subappaltatur, li jkun inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali fil-konfront tas-subappaltant, jista' jaghti lok ghal responsabbilta' extra-kuntrattwali fil-konfront tal-kommittent originali, in kwantu l-eghmil tieghu jkun illeda d-dritt tal-kommittent originali. Ovvjament irid ikun hemm ness ta' kawzalita' bejn id-dannu li jsofri l-kreditur u l-komportament tat-terz. Kif qalet il-Prim'Awla[16] fil-kawza **Improved Design Limited vs Dr Michael Gialanze'** deciza fid-19 ta' Mejju 2005:-

*"Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għamil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk msejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili); u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames (5) snin".*

[13] Xhieda Joseph Said a fol 29.

[14] Xhieda Joseph Said a fol 29.

[15] Fl-affidavit (fol. 11) Leonard Attard xehed: *"Madwar 15-il sena ilu kont gejt imqabbad minn Mario Tonna in rapprezentanza tas-socjeta Paul Tonna Son of Santu Ltd (c11813) (illi timporta l-hgieg), sabiex naghlaq showroom bil-hgieg fit-terran (elevated ground floor) tax-showroom ta' Joseph Said f'Hal Qormi".*

[16] Imhallef J.R. Micallef.

Dwar ix-xogholijet li saru mis-socjeta' konvenuta fl-ewwel u t-tieni sular, ma rrizultatx kontestazzjoni li dan sar bejn 'l 2006 u 'l 2007. Gialadarba l-avviz ta' talba gie pprezentat fl-1 ta' Novembru 2010, m'hemmx dubju li m'hemmx kwistjoni ta' preskrizzjoni.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi michud.

**<u>It-tieni aggravju</u>.**

Is-socjeta' appellanti tghid li fir-rigward tax-xogholijiet li wettqet fil-pjan terran tax-showroom ma hemm ebda relazzjoni kuntrattwali bejn l-appellanti u l-appellat, u m'ghandhiex ghalhekk tinstab responsabbli ghal xoghlijiet li saru f'din il-parti tal-fond peress li hija kienet biss *sub-contractor* imqabbda minn terzi biex taghmlu.

Dan l-aggravju hu bla bazi. Argument li pproponietu l-ewwel darba fir-rikors tal-appell. Quddiem it-Tribunal ma nghatat l-ebda eccezzjoni f'dan ir-rigward.

M'huwiex kontestat li x-xoghol fil-pjan terran effettivament twettaq mis-socjeta' appellanti anke jekk fuq inkarigu ta' terzi[17]. Xoghol li sar fil-proprjeta tal-attur. Mela l-attur ghandu kull jedd li jharrek lis-socjeta konvenuta ghal xoghol hazin li seta' sar, irrispettivament minn min inkarigah. F'dan ir-rigward issir ukoll riferenza ghal dak li diga' nghad b'riferenza ghall-ewwel aggravju tal-appellanti.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi michud.

**<u>It-tielet aggravju</u>.**

Permezz ta' dan l-aggravju s-socjeta' appellanti qeghda taghmel sensiela ta' lmenti fuq l-apprezzament tal-provi.

L-iskrutinju li trid taghmel Qorti t'Appell huwa wiehed fl-isfond ta' dak li kostantement gie ritenut fil-gurisprudenza fosthom dawk imsemmija fil-kaz **Said International Limited vs Bank Centrali ta' Malta** deciz fid-29 ta' Jannar 2016 fejn intqal -

*"Illi ghandu jinghad mill-ewwel li fil-gurisprudenza taghna huwa ritenut li normalment li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal xi raguni gravi u impellenti"*[18].

---

[17] Affidavit ta' Leonard Attard a fol 11.
[18] Rik 1145/08.

Is-socjeta' appellanti tilmenta li:-

1. L-ammont pretiz mill-appellat huwa bazat fuq assunzjonijiet u mhux fuq fatti konkreti ghal dawn ir-ragunijiet:-

i. ***Il-hsarat subiti mill-attur kienu kawzati minn force majeure (fi kliemha "maltempata ta' dimensjoni gravi"[19]).***

Il-Qorti tinnota li minkejja li s-socjeta' appellanti ripetutament waqt il-kawza quddiem it-Tribunal allegat il-qawwa ta' din il-maltempata, qatt ma gabet prova konkreta li torbot l-effetti ta' din il-maltempata mad-dannu kawzat fix-*showroom* tal-attur. Ir-rapprezentant tas-socjeta' appellanti kien xehed f'affidavit[20] li –

*"Gara li xi zmien wara li nstallajna l-hgieg fl-ewwel u fit-tieni sular ta' l-istess showroom f'Hal Qormi, sehhet maltempata qawwija hafna. Nghid illi konsegwenza ta' tali maltempata fis-sular t'isfel (illi dakinhar tal-maltempata kien ilu kostruwit 'il fuq minn 10 snin) ixxaqqu u ddendlu xi hgieg mill-parti ta' fuq.....u fil-parti ta' l-ewwel u t-tieni sular, ixxaqqu minn tnejn sa tlett panels tal-hgieg..."*

Minn naha l-ohra l-attur xehed hekk –

*"Mistoqsi jekk kienx hemm maltempata li kkawzat il-hsara li qed nilmenta minnha....u nghid illi iva kien hemm maltempata; madankollu nghid illi kieku l-hsara kienet konsegwenza biss tal-maltempata kien jinqala' kollox u mhux il-frame u l-hgieg biss. Anzi nippreciza illi ma naqbilx ma' dak illi qed jigi suggerit mieghi illi kien hemm maltempata. Li kien hemm zgur hu ftit rih dakinhar[21].*

Aktar tard l-attur kien xehed hekk[22] -

*"kien ghamel ftit xita u kien ukoll ftit rih, pero' xejn eccezjonali. Nghid illi jien biss kont garrabt hsara fil-hgieg tax-showroom tieghi f'Imdina Road Haz-Zebbug, Ix-showrooms l-ohra ma gralhom xejn."*

Fir-rapport tieghu il-Perit Paul Buhagiar jghid[23] –

*"The screws shown in photo number 5 and the fixing method through a transverse rectangular hollow section evident on the attached photos have been found to be*

---

[19] Rikors tal-Appell pagna 4 a fol 4.
[20] Datat 28 ta' Mejju 2013 a fol 64.
[21] Xhieda in kontro-ezami ta' Joseph Said a fol 30.
[22] In kontro-ezami a fol 72.
[23] Fol 37.

***inadequate to withstand normal wind loads** that the glazed curtain walling had to be designed for. **Arising from data held at the Malta's Civil Aviation's Office the storm recorded on the date at when accident occurred was nothing out of the ordinary....**"*[24].

Aktar tard l-istess Perit xehed[25] -

*" ...insostni li r-rih ma kienx ta' xi forza partikolari. Jien nibqa' nsostni illi meta ghamilt il-verifiki tieghi dwar it-temp li kien hemm dakinhar li sehh l-incident ma kien hemm ebda avvizi ta' maltemp partikolari. Madankollu minkejja f'dan qed nigi mistoqsi kif allura inqalghu l-istiffeners: u nghid illi jkunu nqalghu bil-forza tar-rih."*

Huwa probabbli mill-assjem tal-provi mressqa li dakinhar li saret il-hsara fix-*showroom* kien sehh maltemp u bir-rih ukoll, tant li skont il-perit tal-attur inqalghu l-*istiffeners*. Izda la, kif gie konstatat mill-istess perit, il-viti li kienu mwahhla mis-socjeta' appellanti instabu li lanqas biss kienu adegwati biex jilqghu ghal rih normali, ma temergix bhala sorpriza li b'rih ftit aktar qawwi il-mezzi ta' sapport ghal hgieg kbir jigu dannegjati aktar malajr.

Li hu zgur hu li l-entita' preciza ta' din il-maltempata baqghet ma gietx pruvata. Il-prova tal-*force majeure* kienet tinkombi fuq l-appellanti u mhux fuq l-attur. Fi kwalunkwe kaz, tenut kont li jidher li kien xi hgieg mix-showroom tal-attur biss li sofra hsara kif ukoll fid-dawl tal-konstatazzjonijiet tal-Perit tal-Buhagiar dwar il-kawza prossima tal-hsarat subiti, in-ness bejn din il-hsara u l-effett tal-maltemp ma gietx pruvata. Dan l-ilment ghalhekk ser jigi respint.

### *ii. L-attur stess kien ddikjara "fuq l-ghajn" li kien kuntent bix-xoghlijiet imwettqa mis-socjeta' appellanti u huwa ma ressaq ebda prova dwar nuqqas ta' sengha u arti fix-xoghlijiet imwettqa minnha.*

Kwalunkwe dikjarazzjoni ta' sodisfazzjon dwar il-kwalita' tax-xoghol li setghet saret mill-attur kienet wahda superficjali u minn dak biss li seta' jara b'ghajnejh. Il-Qorti tqis li tressqu provi konkreti u kredibbli li l-kawza prossima tad-danni li gew kawzati lill-attur kien kwalita' inferjuri tax-xoghol. B'zieda ma' dak li diga' gie citat mir-rapport peritali, il-Perit Buhagiar ikompli hekk fir-rapport tieghu[26]:

*"The glazed curtain walling manufacturer's claim that work has been carried out to good standard can easily be rebutted as the method of fixture is extremely poor and*

---

[24] Enfazi tal-Qorti.
[25] Xhieda tad-9 t'Ottubru 2013 a fol 76.
[26] Fol 37.

*definitely not as per applicable standards such as BS 1474 that deals exclusively with brackets, rivets and shear pins in framed glass panels…..* ***The extensive damages shown on the attached photos can only be attributed to poor craftsmanship especially with regards to glazed curtain walling's fixing methods and thus have to be made good by the original Glazed Curtain Walling Manufacturer Installer"*** (enfazi mizjuda).

Huwa evidenti li s-socjeta' appellanti qeghda tipprova timminimizza l-entita' tal-hsarat in kwistjoni u l-kawza taghhom, izda quddiem dawn il-konkluzjonijiet cari ma hemmx difiza li tista' timmilita favuriha. L-appellanti attribwit il-hsara ghall-maltempata[27]. Pero' l-oneru tal-prova kien fuqha. M'huwiex bizzejjed li wiehed jinvoka l-forza magguri u jieqaf hemm. Fin-nuqqas ta' prova, tfalli d-difiza tal-appellanti. F'dan ir-rigward ukoll it-Tribunal kellu ragun. Dan apparti li hi wkoll flokha l-osservazzjoni li ghamel it-Tribunal li ghalkemm ix-xita u r-rih huma fenomeni naturali li l-bniedem m'ghandux kontroll fuqhom, xorta ghandhom jittiehdu l-prekawzjonijiet kontrihom.

L-appellanti tilmenta li kienet imcahhda milli tinkariga persuna teknika biex jigi determinat x'kien ikkaguna l-hsara, u dan peress li kienu diga' saret tiswija minn terzi. F'dan ir-rigward l-appellanti zgur li ma tistax tilmenta gialadarba mill-provi rrizulta li kif grat il-hsara, l-attur ikkomunika mill-ewwel ma' Leonard Attard. Ghalhekk f'dak l-istadju l-appellanti kellha l-opportunita' kollha li taghmel il-kostatazzjonijiet li kien hemm mehtieg, ukoll billi tinkariga persuna teknika. Fil-fehma tal-qorti, l-appellanti m'hijiex korretta meta tilmenta li tpoggiet f'posizzjoni zvantaggata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.**

Anthony Ellul.

[27] Fil-fatt Leonard Attard xehed li l-hsara gratt minhabba maltempata qawwija.